

32007D0024

L 8/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.1.2007

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6806)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/24/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda ta' Newcastle <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttivi 92/40/KEE u 92/66/KEE jistipolaw il-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu applikati f'każ ta' tifqigħa ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle rispettivament, kif ukoll ċerti miżuri preventivi mmirati lejn żieda fl-għarfien u fl-istat ta' tħejjija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola fir-rigward ta' dawk il-mardiet. Skond dawn id-Direttivi, il-pjanijiet ta' kontinġenza ta' l-Istati Membri għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/402/KE tas-26 ta' April 2004 li tapprova pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' l-influwenza ta' l-għasafar u l-marda ta' Newcastle <sup>(3)</sup>, tapprova dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza għal dawn l-Istati Membri. L-Anness ta' dik id-Deċiżjoni jelenka l-Istati Membri li l-pjanijiet tagħhom ġew approvati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 22.6.1992, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2004 (ĠU L 236, 23.9.2004, p. 33).

<sup>(2)</sup> ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-2004.

<sup>(3)</sup> ĠU L 123, 27.4.2004, p. 111.

(3) Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jissiebu fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007. Għaldaqstant, il-Bulgarija u r-Rumanija ressu l-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(4) Dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza kif emendati mill-Bulgarija u r-Rumanija wara s-suġġerimenti li sarulhom matul l-evalwazzjoni tagħhom, jissodisfaw il-kriterji stipulati fid-Direttivi 92/40/KEE u 92/66/KEE u, soġġetti għal aġġornament regolari u implimentazzjoni effettiva, jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa ta' dawk id-Direttivi u, għalhekk, għandhom jiġu approvati.

(5) Għal skopijiet ta' ċarezza fil-legislażzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni Nru 2004/402/KE għandha tiġi revokata u mibdula b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-pjanijiet ta' kontinġenza li l-Bulgarija ppreżentat lill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2006 għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle huma approvati.

## Artikolu 2

Il-pjanijiet ta' kontinġenza li r-Rumanija ppreżentat lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2006 għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle huma approvati.

## Artikolu 3

L-Anness jistipula l-lista ta' Stati Membri li għandhom pjanijiet ta' kontinġenza approvati għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle.

## Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2004/402/KE hija revokata.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika soġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Markos KYPRIANOU  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

**Lista ta' Stati Membri msemmija fl-Artikolu 3**

Kodiċi	Pajjiż
AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	L-Olanda
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
UK	Ir-Renju Unit